MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1299/2003

**QORTI CIVILI – PRIM' AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Marzu, 2004**

**Numru 6**

**Cit. Nru. 1299/03 GCD**

**Public Broadcasting Services Ltd.**

**vs**

**Monarch Advertising Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi fuq ftehim bejn il-partijiet, is-socjeta’ attrici kienet rendiet lis-socjeta’ konvenuta servizzi ta’ reklamar fuq il-mezzi taghha tax-xandir;

Illi s-socjeta’ konvenuta hi debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ ghaxart elef, erba’ mija u hmistax-il lira Maltin, erbgha u erbghin centezmu (Lm10,415.44) rapprezentanti bilanc dovut minnha fir-rigward ta’ l-imsemmija servizzi rezi lilha;

Illi ghalkemm debitament interpellata s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta’ attrici, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, erba’ mija u hmistax-il lira Maltin, erbgha u erbghin centezmu (Lm10,415.44) rapprezentanti bilanc dovut minnha fir-rigward ta’ servizzi rezi lilha skond kif miftiehem bejniethom.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-20 ta' Gunju, 2003, u l-mandat ta' sekwestru nru. 2153/03 ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Andrew Psaila u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

**Antonella Cassar**
**Dep. Reg.**

ac

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------